

32005D0615

L 213/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

18.8.2005

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-16 ta' Awwissu 2005****li temenda l-Anness XI għad-Direttiva 2003/85/KE dwar il-laboratorji nazzjonali f'ċerti Stati Membri**

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 3121)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/615/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KEE u li temenda d-Direttiva 92/46/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 67(2) tagħha,

Billi:

- (1) Għal raġunijiet ta' sigurtà huwa importanti li tinżamm aġġornata lista ta' laboratorji nazzjonali awtorizzati biex jimmaniġġjaw l-vajrus ta' l-ilsien u d-dwiefer.
- (2) L-awtoritajiet kompetenti tad-Danimarka, tal-Ġermanja u tal-Polonja infurmaw lill-Kummissjoni uffiċjalment dwar il-bidliet fil-laboratorju ta' referenza nazzjonali għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.
- (3) L-awtoritajiet kompetenti tas-Slovakkja infurmaw uffiċjalment lill-Kummissjoni dwar l-arranġamenti li għamlu skond l-Artikolu 68(2) tad-Direttiva.
- (4) Għal raġunijiet ta' ċarezza jidher xieraq li jiġu elenkati l-Istati Membri fl-ordni tal-kodiċi tal-pajjiż ISO.

- (5) Jeħtieġ li tiġi adattata lista ta' laboratorji nazzjonali awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ta' l-ilsien u d-dwiefer u li tiġi emendata l-Parti A ta' l-Anness XI għad-Direttiva 2003/85/KE skond dan.

- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' laboratorji Nazzjonali awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Parti A ta' l-Anness XI għad-Direttiva 2003/85/KE hija sostitwita mit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-16 ta' Awwissu 2005.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

(<sup>1</sup>) ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1.

## ANNEX

Il-lista ta' laboratorji Nazzjonali awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Parti A ta' l-Anness XI għad-Direttiva 2003/85/KE hija sostitwita mit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

**“Laboratorji nazzjonali awtorizzati li jimmaniġġjaw l-vajrus ta' l-ilsien u d-dwiefer**

L-Istat membru fejn qiegħed il-laboratorju		Laboratorju	L-Istati Membri li qed jużaw is-servizz tal-laboratorju
Kodiċi ISO	Isem		
AT	l-Awstrija	Österreichische Agentur für Gesundheit und Ernährungssicherheit GmbH Veterinärmedizinische Untersuchungen Mödling	L-Awstrija
BE	Il-Belġju	Veterinary and Agrochemical Research Centre CODA-CERVA-VAR Uccle	Il-Belġju Il-Lussemburgu
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	Statní veterinární ústav Praha, Praha	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja	Friedrich-Loeffler-Institut Bundesforschungsinstitut für Tiergesundheit, Greifswald - Insel Riems	Il-Ġermanja Is-Slovakkja
DK	Id-Danimarka	Danish Institute for Food and Veterinary Research, Department of Virology, Lindholm	Id-Danimarka Il-Finlandja L-Iżvezja
ES	Spanja	Laboratorio Central de Sanidad Animal, Madrid	Spanja
FR	Franza	Agence française de sécurité sanitaire des aliments (AFSSA) — Laboratoire d'études et de recherches en pathologie bovine et hygiène des viandes, Lyon — Laboratoire d'études et de recherches en pathologie bovine et hygiène des viandes, Lyon	Franza
GB	Ir-Renju Unit	Institute for Animal Health, Pirbright	Ir-Renju Unit l-Estonja Il-Finlandja L-Irlanda Malta L-Iżvezja
GR	Il-Greċja	Ινστιτούτο αφθώδους πυρετού, Αγία Παρασκευή Αττικής	Il-Greċja
HU	L-Ungerija	Országos Állategészségügyi Intézet (OÁI), Budapest	L-Ungerija
IT	L-Italja	Istituto zooprofilattico sperimentale della Lombardia e dell'Emilia Romagna, Brescia	L-Italja Iċ-Ċipru
LT	Il-Litwanja	Nacionalinė veterinarijos laboratorija, Vilnius	Il-Litwanja
LV	Il-Latvja	Valsts veterinārmedicīnas diagnostikas centrs, Rīga	Il-Latvja
NL	L-Olanda	CIDC-Lelystad Central Institute for Animal Disease Control Lelystad	L-Olanda
PL	il-Polonja	Zakład Pruszczycy Państwowego Instytutu Weterynaryjnego - Państwowego Instytutu Badawczego, Zdunska Wola.	Il-Polonja
SI	Is-Slovenja	Nacionalni veterinarski inštitut, Ljubljana	Is-Slovenja”